



L-Aħjar Prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u tal-prosekuturi

Kategorija tal-prassi: L-Implimentazzjoni ta' Għodod għat-Taħriġ li Jiffavorixxu l-Applikazzjoni Korretta tad-Dritt tal-UE u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali

Tip ta' prassi: Prassi tajba

Istitut: Academy of European Law (ERA)

April, 2014

Isem tal-prassi	L-Iżvilupp ta' Materjali għat-Taħriġ fid-Dritt tal-UE fil-Livell Pan-Ewropew bil-Ħsieb li, Sussegwentement, Jiġu Inkorporati fil-Livell Nazzjonali
<i>Karatteristiċi ewlenin:</i>	<p>L-ERA żviluppat żewġ settijiet ta' modjuls ta' taħriġ indipendenti: wieħed dwar l-istrumenti leġiżlattivi tal-UE għall-kooperazzjoni transfruntiera fi kwistjonijiet ċivili u l-ieħor dwar il-liġi ambjentali tal-UE.</p> <p>Il-metodoloġija tfasslet mill-Kummissjoni Ewropea u l-ERA ħadet sehem fl-implimentazzjoni tagħha, li kienet iffinanzjata kollha kemm hi mill-UE. Fl-2013, f'kollaborazzjoni ma' membri oħra tal-EJTN, l-ERA applikat għal għotja ta' azzjoni għal proġett li japplika metodoloġija simili dwar strumenti tal-ġustizzja ċivili.</p> <p>Il-modjuls ta' taħriġ huma strutturati f'forma ta' "pakkett ta' taħriġ" li għandu jiġi ppubblikat u jitqiegħed għad-dispożizzjoni għall-użu futur minn kull istituzzjoni ta' taħriġ interessata fl-għoti ta' taħriġ ġudizzjarju f'dawn l-oqsma tal-liġi Ewropea.</p> <p>Il-modjuls ta' taħriġ dwar suġġetti relatati mal-liġi ċivili jikkonsistu f'pakkett maħsub għall-ħarrieġa b'informazzjoni u linji gwida dwar kif għandu jiġi organizzat workshop biex jiġi implimentat il-modjul, proposta ta' programm għall-workshop u rakkomandazzjonijiet dwar il-metodoloġija, kors introdutturju ta' taħriġ elettroniku, lista ta' materjali ta' bażi għall-parteċipanti tat-taħriġ, eżempji ta' preżentazzjonijiet PowerPoint tal-ħarrieġa ta' qabel, studji tal-każ b'suġġerimenti ta' soluzzjonijiet għalihom, kif ukoll taqsima nazzjonali li tipprovdi informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-pubblikazzjonijiet rappreżentattivi dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-familja Ewropea f'26 Stat Membru.</p>

	<p>Kull modju ta' taħriġ jista' jiġi implimentat permezz ta' workshops u huwa ssuġġerit li jkun mifruq fuq jumejn u nofs. Dawn il-preżentazzjonijiet huma kkombinati ma' eżerċizzji prattiċi u ma' sessjonijiet interattivi, possibilment sostnuti bl-użu tal-informatika.</p> <p>Sabiex ikunu jistgħu jiġu offruti l-modjuls ta' taħriġ eżistenti bil-lingwi uffiċjali tal-UE, tqabbdet kumpanija tat-traduzzjoni. Din il-kumpanija kellha bżonn xahrejn biex tiffinalizza l-verżjonijiet tal-materjal ta' taħriġ u biex tistabbilixxi l-korsijiet ta' tagħlim elettroniku.</p> <p>Ġiet prevista organizzazzjoni simili għall-proġett ta' modju ta' taħriġ fil-liġi ambjentali tal-UE.</p> <p>Fl-2013, l-ERA ħadmet fi sħubija ma' atturi ġudizzjarji nazzjonali minn tmien Stati Membri u rċeviet għotja tal-UE, għall-implimentazzjoni ta' proġett ġdid dwar il-liġi tal-ġustizzja ċivili tal-UE. Barra minn hekk, ġew ingaġġati disa' esperti esterni biex ifasslu l-materjal ta' taħriġ, b'mod aktar speċifiku, il-materjal li se jintuża għall-eżerċizzji tal-workshops u għall-kontenut tal-korsijiet ta' tagħlim elettroniku. Fit-tnejn ta' kull modju ta' taħriġ għal kull taqsima nazzjonali, se jkunu involuti 34 esperti nazzjonali.</p> <p>Sabiex tivvaluta l-effiċjenza ta' dan il-materjal, l-ERA ppjanat li torganizza għaxar workshops ta' implimentazzjoni fuq perjodu ta' disa' xhur; li tittestja ż-żewġ modjuls f'kuntatti differenti (dak pan-Ewropew u dak reġjonali); li tapplika diversi sistemi lingwistiċi u li tolqot gruppi differenti (imħallfin u/jew avukati f'ditta privata tal-avukati).</p>
<p><i>Hoġqa diretta disponibbli</i></p>	<p>https://www.era-comm.eu/EU_Civil_Justice_Training_Modules/index.html</p> <p>https://www.era.int/cgi-bin/cms?_SID=e2757a345521a62f1e434f7307f1841c1894d26d00277219702342&_sprache=en&_bereich=artikel&_aktion=detail&idartikel=124138</p>
<p><i>Detalji ta' kuntatt tal-istituzzjoni</i></p>	<p>Academy of European Law (ERA) Metzer Allee 4 D-54295 Trier Germany Telefon: + 49 651 93737-0 Faks: + 49 651 93737-773 Posta Elettronika: info@era.int Websajt: https://www.era.int</p>

Kummenti oħrajn

Dawn iż-żewġ proġetti dwar il-ġustizzja ċivili u l-liġi ambjentali tal-UE ġew żviluppati u ffinanzjati skont kuntratt qafas flimkien mad-DĠ JUST u d-DĠ ENV tal-Kummissjoni Ewropea. Dawn ippermettew li jkun hemm kooperazzjoni ma' esperti ta' livell għoli għall-produzzjoni ta' materjal, għall-ħolqien ta' għodod onlajn bħall-kors ta' taġlim elettroniku u t-taqsimiet nazzjonali kif ukoll għat-traduzzjoni tal-materjal ta' taħriġ f'aktar lingwi. Mingħajr dan l-appoġġ finanzjarju, ma kienx ikun possibbli li jiġu żviluppati modjuls oħrajn ta' taħriġ.

L-elementi li huma kruċjali għas-suċċess ta' din il-prassi huma l-komprensività u l-flessibilità tal-materjal ta' taħriġ prodott. Minkejja li ma ġewx adattati apposta għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċertu grupp ta' mħallfin, il-modjuls ta' taħriġ fihom diversi elementi li jassistu lill-ħarrieġa, u dawn ivarjaw minn studji tal-każ lesta biex jintużaw għal rakkomandazzjonijiet dwar il-metodoloġija, għal proposti dwar il-programm għall-workshops.

Il-modjuls ta' taħriġ huma maħsuba għat-taħriġ kontinwu. F'din l-għamla, il-prassi għandha trasferibbiltà limitata – fil-livell pan-Ewropew biss. Madankollu, fejn ikun xieraq, l-istituzzjonijiet ta' taħriġ ġudizzjarju jistgħu jadottaw l-idea li jipproduċu pakketti maħsuba għall-ħarrieġa fil-livell nazzjonali għat-taħriġ fil-livell lokali jew reġjonali.

Hija tikkostitwixxi **PRASSI TAJBA** iżda minħabba l-ambitu wiesa' tagħha, tista' tiġi adottata biss minn entitajiet Ewropej tat-taħriġ ikkonċernati jew minn konsorzju ta' ċentri nazzjonali tat-taħriġ.

Dan ir-rekwiżit jenfasizza wkoll li ppjanar deċentralizzat ta' attivitajiet ta' taħriġ li jiġbor l-aħjar għarfien espert ipprovdut minn għadd kbir ta' Stati Membri, huwa mixtieq ferm sabiex jiġi żgurat il-valur miżjud Ewropew.

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u tal-prosekuturi", magħmul min-*Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)*